



# Il-kitbiet akkademiċi ta' J.J. Camilleri

*Dr Sergio Grech*



Il-probabilità hija li dawk li jħobbu l-letteratura Maltija iktar jafu lil J.J. Camilleri għar-rumanzi jew għan-novelli tiegħu milli għal tip ta' kitbiet oħra. Il-lista tar-rumanzi ta' Camilleri tinkludi fost l-oħrajn *Aħna Sinjuri, L-Għar tax-Xitan, Luteru, Ulied il-Qawsalla* u *Is-Sejħa tal-Art*. Uħud minn dawn ir-rumanzi ġew studjati għall-eżamijiet tal-Matrikola u oħrajn inqraw fuq ir-radjijiet lokali. Aktarx li l-aqwa rumanz tiegħu, u l-iktar wieħed li kiseb kunsens, hu *L-Għar tax-Xitan.* Jeżistu tal-inqas tlieta jew erba' rumanzi oħra ta' J.J. Camilleri li baqgħu ma ġewx ippubblikati u jaf ikunu ppubblikati fis-snin li ġejjin.

Camilleri, immotivat mill-Moviment Qawmien Letterarju, kiteb ukoll il-poeżija li dehret fost l-oħrajn fi *Kwartett* u *Antenni*. Riċentement, is-Sensiela Kotba Soċjalisti ppubblikaw *F'Lejl Sħun Idellek u Stejjer Oħra* - ġabra ta' novelli ġodda ta' Camilleri li sa dakinhar qatt ma kienu ġew ippubblikati qabel. Dax-xogħol li baqa' mhux ippubblikat wara mewtu qed ikun eżaminat u editjat perjodikament minn Dr Steve Borg hu nnifsu kittieb ta' proża letterarja u dik mhux fittizja imma wkoll librar li jaf il-lat xjentifiku tal-mestier. Fil-każ tan-novelli, Borg kellu jibda mill-bidu. Għax ħa ħsieb ukoll it-traskrizzjoni. Borg jiddeskrivi lil Camilleri bħala neorealistiku kontemporanju.

Li jintesa huwa li l-fatt li l-kitbiet ta' Camilleri jinkorporaw ukoll diversi kitbiet akkademiċi u oħrajn semi-akkademiċi fejn l-awtur kiteb u ħadem, fost l-oħrajn u aktarx l-iktar, fuq l-istorja tal-edukazzjoni f'Malta speċjalment dik tas-seklu 19. Qed nuża t-terminu 'semi-akkademiċi' għal dawk il-kitbiet ta' J.J. Camilleri li jidhru f'kotba tal-festi, u possibilment fi bnadi oħra, fejn hu ma jużax daqstant noti u referenzi imma kitbiet li jistgħu jiġu kklassifikati fil-kategorija ta' esejs miżgħuda bit-tagħrif storiku u umanistiku b'sens wiesgħa b'intenzjoni ċara u netta li jeduka u jgħallem lill-qarrej biex jimla l-lakuni ta' nuqqas ta' tagħrif. U dawn mhumiex testi fiergħa jew miktuba bl-għaġġla u ma għandhomx ikunu sottovalutati għax dehru f'dan it-tip ta' pubblikazzjonijiet.

Aktarx li t-tip ta' pubblikazzjoni, iddeterminat id-deċiżjonijiet aħħarin ta' Camilleri jużax referenzi jew le. Ikollna nirrikonoxxu li kien hemm żminijiet meta f'dawn il-kotba tal-festi kien hemm inqas riġidità mil-lum u grazzi għall-fatt li diversi kontributuri tħarrġu f'istituzzjonijiet universitarji setgħu jintlaħqu livelli ogħla ta' riċerka iktar ma daħal iż-żmien. Camilleri ħaddem kemm l-Ingliż u kemm il-Malti. Wieħed jazzarda jgħid li fl-Ingliż donnu l-approċċ tiegħu hu iktar akkademiku u xjentifiku. Anki għax dawn wisq probabbli huma partijiet addattati mit-teżi tiegħu tal-Masters li nirreferi għaliha iktar tard.

Camilleri juża l-letteratura speċjalment ir-rumanz biex l-ewwel u qabel xejn jasserixxi l-ġustizzja soċjali u jiġġieled kontra l-intolleranza, il-faqar u l-injoranza li kien hemm min sfruttaha favur tiegħu. Camilleri jattakka l-abbuż fil-qasam ambjentali u juri li l-flus u r-regħba huma l-allat moderni. Faċli tispjegaha għaliex innamra ma' Luteru. Luteru ried id-dawl. Ried ir-riforma anki jekk għaġġel u spiċċa ġab il-firda. Imma Luteru kien skomoda dak li kien tradizzjonali. Luteru ġġieled l-abbuż. Xela l-inġustizzja. L-istess jagħmel Camilleri. U dan aktarx jispjega d-deċiżjoni ta' Steve Borg imsemmi iktar 'il fuq li jsejjaħ lil Camilleri kif sejjaħlu.

L-istess mudell ta' Camilleri r-rumanzier joħroġ fil-kitbiet tar-riċerka tiegħu li ħafna drabi huma msejsa fuq temi soċjali u jpoġġu l-lenti fuq il-baxxi, il-foqra u l-iżvantaġġati u kemm dawn fl-esperjenza ta' kuljum ġew misruqa mill-edukazzjoni sana li kien ħaqqhom u li setgħet tkun fattur li terfagħhom mill-injoranza u l-istat fqir u miżeru tagħhom. Camilleri kiteb fuq epoka meta l-kolonizzatur ma kienx jaqbillu li jipprovdi l-edukazzjoni lill-maħkuma. Il-kolonizzatur ma riedx li jinfetħu l-imħuħ. Ried biss numri u tafal. U hekk seta' jaħkem. Mhux biss ġeografikament imma anki seta' jaħkem fuq il-moħħ.

J.J. Camilleri jinħass fuq in-naħa xellugija tal-ispettru. Wieħed ma jridx jinsa li J.J. Camilleri għex u kien xhud ta' trasformazzjonijiet ewlenin fil-qasam politiku, ekonomiku u soċjali ta' Malta minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija li ġibduh f'dik id-direzzjoni. Fost l-oħrajn, dal-perjodu ra stejjer ta' importanza massima bħar-rikostruzzjoni ta' wara t-Tieni Gwerra fejn kollox kien jidher mitmum, il-moviment qawwi tal-emigrazzjoni ta' Maltin li marru jfittxu xortihom f'dinjiet oħra, l-isfida tal-Indipendenza u l-għeluq tal-bażi Ingliża fejn ridt taħseb għal rasek u mhux iżjed ifissdek min jaħkem, il-proliferazzjoni tal-mezzi tal-kommunikazzjoni, it-talba mill-Maltin ma taqta' xejn għad-djar biex jgħixu fihom f'art fejn l-ispekulazzjoni qatt ma naqset, it-turiżmu, il-mixja sigura tal-industrija – kollha temi li xi ftit jew wisq jixirfu fir-rumanzi tiegħu jekk wieħed jaqrahom b'attenzjoni. Fil-fatt, Camilleri jinħass ammiratur tal-Perit Duminku Mintoff li kien riformatur soċjali ewlieni fis-seklu 20.

Dil-ħidma, Camilleri kompliha wkoll f'ħidma volontarja fil-Mosta. Il-Mostin ta' ċertu età pereżempju jiftakru d-drammi li J.J. Camilleri kien jikteb għall-Oratorju fil-Mosta fejn hu kien jirreċta fihom ukoll. Fis-sena 2004, Camilleri kien ingħata Ġieħ il-Mosta mill-Kunsill Lokali Mosta. Kien attiv ukoll fl-ambjent kalċistiku Mosti fejn kien uffiċjal ma' Mosta FC. Ta sehmu wkoll fl-Iscouts tal-Mosta.[1] Fejn kien hemm l-edukazzjoni, mhux biss dik tal-iskola, lil Camilleri kont se ssibu hemm.

Jien niftakru ftit jattendi l-laqgħat letterarji li l-Għaqda Letterarja Maltija kienet torganizza fid-disgħinijiet tas-seklu għoxrin fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti mmexxija minn Joe Bartolo u sħabu. Qatt ma niftakar imma li kelli xi konversazzjonijiet twal miegħu. Niftakar ċar li fiż-żmien is-sixth form, fir-rivista *Analiżi* kienet qamet polemika bejnu u Charles Briffa dwar kemm ir-rumanz tiegħu *Aħna Sinjuri* ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex ikun fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat. Dwar dan jien ktibt banda oħra.[2] Fuq livell personali, dak kien żmien ta' skoperta u tibda tifhem li anki ktieb jipprovoka diskussjoni. Tibda tifhem li kull suġġett għandu iktar minn viżjoni jew skola ta' ħsieb waħda.

Skont uliedu, J.J., kif ħafna kienu jafuh, kien ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti li kienu waqqfu Rużar Briffa u Ġużè Bonnici fejn magħhom kien hemm ukoll attivi il-Professur Pietru Pawl Saydon u l-poeta Għawdxi Anton Buttigieg. Buttigieg kiteb fid-dettall dwar dan il-perjodu u l-istess Saydon.[3] Għalkemm dan l-aspett ta' Camilleri attiv fl-Għaqda ma joħroġx mit-teżi ta' Joseph P. Borg, fil-grad ta' Maġisteru, fejn studja t-twaqqif u l-impatt tal-għaqda msemmija.[4]

Camilleri ħa sehem fil-proġett *Id-Denfil* li kien ħa post il-*Ġabra ta' Ward*, editjat minn E.B. Vella. Kien hemm kitba partikulari tiegħu fis-sitt volum fejn il-protagonisti għandhom l-isem ta' uliedu u l-kuġini tagħhom. Camilleri kien membru wkoll fil-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti u riċentement skoprejna li kien iħobb il-pittura u kien ipitter ukoll.[5] Nafu li kien ħabib ta' Antoine Camilleri: pittur ewlieni Malti li qadef b'enerġija biex l-arti lokali tidħol fil-moderniżmu u ma tibqax statika marbuta ma' dik reliġjuża.

Min-naħa tiegħu, J.J. Camilleri tela' diversi skali fiċ-Ċivil fejn beda bħala għalliem u wasal sal-grad ta' Uffiċjal Edukattiv tal-Edukazzjoni. Camilleri studja fl-Istitut tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Londra minn fejn ħa l-Associateship of the Institute of Education. Kiseb Baċċellerat mill-Università ta' Malta u Masters b'teżi fuq il-Kanonku Pullicino li ħadem favur l-edukazzjoni f'Malta f'kuntest kolonjali u f'sitwazzjonijiet xejn faċli. It-teżi ġġib it-titlu *Canon Paolo Pullicino, His Life and Place in the History of Local Educational Development*. L-istess Camilleri kien żviluppa kapitlu bl-istess titlu fil-ktieb *Yesterday's Schools* editjat minn R.G. Sultana.[6]

It-teżi tal-Masters ta' Camilleri ddur mal-fatt li l-Kanonku Pawlu Pullicino sab prattikament għadu (enfasi tiegħi) meta ġie biex iwettaq il-programm tiegħu ta' edukazzjoni għall-Maltin. Dan kien il-Kummissarju Keenan li kien ġie Malta bi pretensjonijiet kbar meta taqra dak li kiteb. Keenan kien wieħed mill-Kummissarji ewlenin li ġew jistħarrġu l-qagħda f'Malta fl-1878 meta l-borma bdiet tbaqbaq sew u Malta bdiet miexja lejn il-formazzjoni serja tal-ewwel partiti politiċi. Keenan kien ħadem fuq l-edukazzjoni u tista' tgħid li kien b'ruħu u ġismu kontra l-Kanonku Pullicino u l-programm tiegħu.[7]

Wieħed irid japprezza li l-Kummissarji tal-1832 kienu qatgħuha li għall-Maltin kien jaqbel li jimxi t-Taljan iktar milli l-Ingliż. Imma f'daż-żmien, l-Ingliżi kienu biddlu fehemthom u riedu lil Malta tkun tixbah iktar lil Londra milli lil Ruma.

L-istudju ta' Camilleri 'The Keenan Report: A Definition,' li kien deher f'*Hyphen* tal-1974 juri dan bl-iktar mod ċar u jista' jitqies bħala sommarju ewlieni tat-teżi tiegħu. Din r-rivista oriġinarjament kienet ippubblikata mill-Upper Secondary School u kompliet għal xi żmien taħt il-G.F. Abela Sixth Form. Jien niftakar l-aħħar edizzjonijiet tagħha meta kont student hemm b'kontributuri fiha bħal Victor Mallia Milanes, Godfrey Wettinger u Oliver Friggieri fost l-oħrajn. L-artikli kienu jduru madwar is-sillabi għall-eżamijiet tal-Livell Avvanzat. Illum l-edizzjonijiet kollha tista' ssibhom online grazzi għas-servizz OAR li qed tagħti l-Librerija tal-Università ta' Malta. Bla

dubju, għall-kollezzjonisti l-ġabra hi sabiħa fiha nnifisha.

F'dil-kitba, inkluża f'*Hyphen*, Camilleri jsostni li l-kwistjoni tal-lingwa kienet suġġett popolari għar-riċerka għax fi żmien meta kien qed jikteb hu, kien hemm ħafna jistenna x'jinkixef marbuta magħha.[8] Kienet kwistjoni li fi kliem Camilleri twalet u "kkunsmat ħafna enerġija" li affetwat u ttardjat il-mixja tal-edukazzjoni Maltija f'Malta.[9]

Camilleri juri li Keenan ma qagħadx jomgħodha u ħadha kontra kull pass li l-Kanonku Paolo Pullicino kien daħal għalih.[10] Pullicino, qabel il-wasla ta' Keenan, kien ilu tletin sena jaħdem fil-kamp Malti tal-edukazzjoni f'sitwazzjoni fejn it-Taljan kien importanti u l-Ingliż kważi ma jitħaddem minn ħadd u kien jintuża minn klassi ferm iżgħar. Ta' Pullicino kienu żminijiet meta l-edukazzjoni ma kinitx għal kulħadd u ma kinitx meqjusa bżonnjuża u għalkemm Keenan ma jispelliha mkien il-Kolonizzatur ma kienx imdejjaq li s-sitwazzjoni kienet zoppa u dgħajfa. Ta' Keenan kien dmugħ tal-kukkudrilli.

Camilleri jispjega li dan l-aġir ta' Keenan kien ġej mill-fatt li Keenan kien konvint mija fil-mija li l-Kanonku Pullicino kien dawwar is-sistema lokali tal-edukazzjoni favur it-Taljan u l-psewdointelletwali Taljani (enfasi tal-awtur preżenti). Keenan kien akkuża lill-Kanonku Pullicino li ried jeqred l-ilsien Malti mill-iskejjel. Sa dan iż-żmien il-Malti la kellu letteratura u lanqas alfabett fiss biex jinkiteb u kien inġust sa ċertu punt kumment bħal dan. Il-Malti kien il-lingwa tal-kċina u ma kellu l-ebda valur għalkemm fl-istess epoka jibdew l-ewwel kitbiet bil-Malti ta' poeżija u proża. It-twelid kien diffiċli u jiżbalja min ifittex il-letteratura pura f'dawn il-kitbiet. Grazzi għal dan il-ħlas tikber il-librerija ta' pubblikazzjonijiet Maltin u fuq kollox il-lingwa-omm.

Keenan kien kritiku aħrax ta' dawk l-għalliema Maltin li qatt ma tgħallmu l-Ingliż minkejja li kien ilhom fis-servizz, imma Camilleri jfakkar li ħafna minnhom qatt ma kellhom l-opportunità li jitgħallmu l-Ingliż meta huma kienu huma stess studenti.[11] J.J. Camilleri josserva wkoll li Keenan kien ikkritika l-fatt li Pullicino ma kellux sistema regolari ta' taħriġ għall-għalliema tiegħu meta fil-fatt snin qabel kien ipprova jdaħħal l-idea ta' preparazzjoni.

Il-Kummissarju Ingliż kien sab ukoll difetti kbar fid-dixxiplina, u t-textbooks li kellhom l-istudenti Maltin ma għoġbuh xejn.[12] Kien żmien meta ħafna studenti kienu jfallu bl-amment u din kienet impossibbli li Keenan ma josservahiex. Il-ħtija waqgħet għal darb'oħra fuq il-Kanonku Pullicino. Kienu ż-żminijiet meta t-tfal darba li kienu jilħqu ċertu żmien kienu jsiru kontributuri ewlenin fid-dħul finanzjarju tal-familja tagħhom. Kienu familji kbar. Kien hemm ħafna ħluq x'titma u ngħiduha wkoll kien hemm diversi forzi li kienu suspettużi mit-tagħlim. Għaxar snin wara, f'*Hyphen* J.J. Camilleri kien ippubblika studju dwar l-alfabett Malti.[13] L-istorja din id-darba tinbena fuq dokumentazzjoni uffiċjali.

Henry Frendo kien daħal iktar fil-qalba tal-kwistjoni tal-lingwa proprja fit-teżi tiegħu tal-Maġisteru kif ukoll bid-dottorat tiegħu li hu għamel f'Oxford. F'tat-tieni kellu wkoll l-opportunità li jistħarreġ it-twelid tal-partiti politiċi Maltin. Frendo għamel użu minn dokumentazzjoni wiesgħa. Fost l-oħrajn, Frendo uża dokumentazzjoni mill-Colonial Office u l-Foreign Office (żewġ fonti importanti għall-istorja kolonjali), l-arkivji tal-Università ta' Malta u l-Qorti. Barra minn hekk ra wkoll dibattiti tal-Kunsill tal-Gvern ta' bejn l-1877 u l-1922, id-dibattiti tal-Parlament Ingliż u dokumentazzjoni stampata mill-Uffiċċju tal-Kolonji mill-1848 sal-1916. Dan minn barra gazzetti lokali tal-epoka, il-*Blue Books,* il-*Gazzetta tal-Gvern,* rapporti uffiċjali ppubblikati, pamphlets politiċi u pubblikazzjonijiet tal-perjodu flimkien ma' għadd ta' sorsi sekondarji bħal kotba. *Party Politics in a Fortress Colony - The Maltese Experience* minn Henry J. Frendo jiġbor dan kollu. Il-ktieb kellu tliet edizzjonijiet.

Camilleri kien ippubblika partijiet mit-teżi u riċerka addizjonali fir-rivista *Il-Malti* għalkemm hawnhekk juża n-noti u r-referenzi kif ukoll fil-*Melita Historica* tal-Għaqda Storika ta' Malta. Pereżempju, 'Early government schools in Malta' kien deher fir-rivista *Melita Historica* tal-1970. Is-sorsi użati f'din il-kitba huma kollha ppubblikati u l-awtur fost l-oħrajn jagħfas fuq il-kritika li saret mill-Maltin versus l-ewwel esperimenti Ingliżi edukattivi.

Camilleri, l-edukazzjoni għexha, ħadem fiha u allura li jistudjaha kien proċess kważi naturali. Interessatu wkoll l-istorja fuq livelli lokali. Pereżempju Camilleri, kien kiteb u ppubblika artiklu dwar il-Mosta u l-iskola tagħha. Fl-2003, J.J. Camilleri kiteb dwar Annibale Preca li kien is-surmast tal-iskola primarja tal-Mosta fl-1856 fi żmien meta l-iskola kienet waħda żgħira.[14] Preca kien jemmen li l-Malti kien ġej mill-Puniku: teżi li kien jużaha anki Gerald Strickland. Din kienet teżi imma li ma kinitx tant possibli. Camilleri jinteressa ruħu fi Preca anki għax Preca kien kiteb dwar il-Mosta. "Kienu żminijiet ta' ħafna vaganzi li kienu jingħataw sikwit minħabba epidemiji, f'okkażjonijiet imperjali ..."[15]

Camilleri kellu rispett kbir lejn E.B. Vella, Mosti bħalu, li bħalu ħabb l-edukazzjoni. Vella miet ta' età żgħira imma ħalla wirt importanti warajh speċjalment il-

*Ġabra ta' Ward*. Illum donnu li saret moda li tiskredita dan ix-xogħol ta' Vella minħabba l-famuża paġna/ storja Viva r-Reġina fl-ewwel ktieb imma fil-verità Vella kien qed jipproponi l-approċċ tematiku li l-lum qed nagħtuh importanza fl-edukazzjoni meta qed nitkellmu fuq l-LOF's. Camilleri jfaħħar ukoll lis-superjur ta' E.B. Vella, l-Avukat Albert V. Laferla, li fi kliemu, "fi żmienu tħaffef il-pass tat-titjib."[16] Vella sa kien tfaħħar mill-poeta nazzjonali Dun Karm għal ħidmietu u li ddeskrivieh bħala mudell għall-Maltin oħra.[17] Vella kiteb ukoll l-istejjer lokali ta' numru ta' rħula fosthom il-Mosta u ż-Żejtun u għalkemm minn żmienu sal-lum, ir-riċerka nbidlet ta' taħt fuq, Vella kien fehem il-lezzjoni ewlenija li l-istorja ma tistax tinbena fuq il-ħrejjef u l-leġġendi anki jekk Ċikku l-Poplu jikkwotahom spiss. Il-Mosta sellmet lil Vella għal ħidmietu b'monument.

J.J. Camilleri interessa ruħu wkoll fl-għana lokali, l-għana popolari li kulturalment jifridna ironikament għax mhux il-Maltin kollha jarawh bħala espressjoni tar-ruħ Maltija jew li fih l-arti fih. Camilleri imma jisfida dan il-moviment. L-għana, kif jinsisti Camillieri, kien l-ewwel letteratura u bla dubju ħafna minnu ntilef minħabba li kien ġest spirtu pront. Ftit japprezzaw li l-għana popolari kien popolari wkoll man-nisa. Fl-artiklu in kwistjoni Camilleri jagħti xi eżempji ta' dan l-għana għalkemm mhux dejjem isemmi x'inhuma l-fonti tiegħu jew id-dokumentazzjoni li qed jibni fuqha.[18]

Fi studju ieħor Camilleri jaqbad luzzu, emblema tal-identità Maltija, u litteralment iżarmah injama njama u jidħol fil-vokabularju tal-luzzu apparti l-isfond storiku li joffri. Fost il-lessiku marbut mal-luzzu, nosservaw lessiku bħal poppa u pruwa, li aktarx nafuhom, imma wkoll prim, kilja, ċinta, ċan, brazzoli u ħafna oħrajn.[19] Ħasra li dal-vokabularju ma nafuhx u jistgħu jsalvawh biss in-nies tas-snajja' li jagħmlu dax-xogħol.

Ta' min iżid li wara mewt Camilleri kienet ġiet ippubblikata wkoll l-awtobijografija tiegħu editjata minn Steve Borg. Camilleri, donnu jimxi mal-mudelli imħejjija qablu minn Herbert Ganado u Anton Buttigieg u barra l-partikular ta' ħajtu jimxi għall-avvenimenti nazzjonali. U hawn mill-ġdid jitqanqlu l-argumenti tal-faqar u l-injoranza. L-istil jixbah iktar lil ta' Buttigieg milli lil dak tal-Avukat Ganado. Anki ċerti perspettivi u twemmin jikkonferma dan. Anki Camilleri jemmen f'ideat bħas-separazzjoni bejn id-dominju tal-Istat u dak tal-Knisja.

J.J. Camilleri kien lekċerer fil-Kulleġġ tal-Għalliema u fl-Università fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni. Kien ukoll ċermen jew membru f'għadd ta' bordijiet pubbliċi u għaqdiet volontarji. Fis-sena 2004, Karl Alan Fenech kien ippreżenta b'suċċess teżi tal-Maġisteru fl-Arti fl-Università ta' Malta li fiha analizza kif Camilleri jħares lejn is-soċjetà Maltija.

**Referenzi**


1 Ara George Cassar, *'Onwards Mosta': the life and times of the Mosta Scout Group, 1916-2008*, għal iktar storja dwar il-Grupp.

2 Sergio Grech, 'Ir-rumanz "Aħna Sinjuri" jqanqal Polemika,' *Festa Santa Marija Mosta, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard*, 2022, 226-229.

3 Dan is-suġġett dwar l-Għaqda tal-Malti se joħroġ ħafna fil-volum *Anton Buttigieg Bejn Storja u Miti,* editjat mill-awtur preżenti li mistenni jkun ippubblikat matul l-2023.

4 Kommunikazzjoni minn J.P. Borg, Mejju 2023.

5 TimesofMalta.com, Misjuba fit-3 ta' Mejju 2023, https://timesofmalta.com/articles/view/jj-camilleri-1928-2012-an-author-artist-and-much-more.935302.

6 J.J. Camilleri, 'Paolo Pullicino's education legacy,' f'R.G. Sultana (Ed.), *Yesterday's Schools: Readings in Maltese educational History* (Malta, Xirocco Publishing, 2017), 111.

7 J.J. Camilleri, 'The Keenan Report: A Definition,' *Hyphen*, 4, 1978, 2.

8 *Ibid*., 1.

9 *Ibid*.

10 *Ibid*., 2.

11 *Ibid*., 3.

12 Ibid., 6.

13 J.J. Camilleri, 'A Question of the Alphabet,' *Hyphen*, 1984, 4(2), 47-54.

14 J.J. Camilleri, 'Annibale Preca (1832-1901) fil-Mosta,' *Società Filarmonica Nicolo Isouard,* 2003, 174.

15 J.J. Camillieri, 'L-Iskola Primarja fil-Mosta', *Soċjetà Filarmonika Santa Marija Annwal 2009,* 96.

16 J.J. Camilleri, 'E.B. Vella – F'Għeluq is-sittin sena anniversarju minn mewtu,' *Soċjetà Filarmonika Santa Marija Annwal 2006*, 133.

17 *Ibid*.

18 J.J. Camilleri, 'L-Għana Popolari u t-Taqbil bla sens,' *Socjetà Filarmonika Nicolo Isouard*, 2002, 239.

19 J.J. Camilleri, 'Il-Luzzu fil-Vokabularju Malti,' *Soċjetà Filarmonika Santa Marija Annwal 2003*, 101.